KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.12.2007
KUMM(2007) 764 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

STRATEĠIJA GĦAL INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA EWROPEA AKTAR B'SAĦĦITHA U KOMPETITTIVA

{SEG(2007) 1596}
{SEG(2007) 1597}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

STRATEĠIJA GĦAL INDUSTRIJA TAD-DIFIŻA EWROPEA AKTAR B'SAĦĦITHA U KOMPETITTIVA

1. INTRODUZZJONI

L-industrija tad-difiża Ewropea għandha fatturat annwali ta' 'il fuq minn € 55 biljun. Dan jammonta għal madwar 30% tal-produzzjoni dinjija u għandha aktar minn 300 000 impjegat. Għoxrin sena ilu, il-fatturat reali u l-impjieg kienu kważi d-doppju. Mill-aħħar tal-Gwerra Bierda, l-istrateġiji ta' difiżi ġew riveduti, il-forzi armati Ewropej ġew mmudellati mill-ġdid u l-infiq tad-difiża tnaqqas.

Bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea b'saħħitha (BTID) fl-Ewropa tibqa' rfid fundamentali tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Ewropea (PSDE). Il-PSDE hija mfassla biex tipprovdi lill-UE bil-kapaċità għal azzjoni awtonoma sabiex twieġeb għal kriżi internazzjonali, mingħajr ħsara għall-azzjonijiet min-NATO. Il-BTID tipprovdi l-ħiliet meħtieġa mhux biss biex jiġu ffaċċjati l-isfidi tad-difiża globali iżda wkoll tas-sigurtà li qiegħda tfeġġ. Hija biss BTID kompetittiva li tista' tipprovdi lill-Ewropa il-mezzi li tipproduċi u tiżviluppa tagħmir tad-difiża b'mod awtonomu, bi prezz raġjonevoli kif ukoll biex tikkoopera internazzjonalment f'dan il-qasam.

L-Ewropa għandha bosta kumpaniji li huma kompetittivi kemm fuq livell ta' l-UE kif ukoll dak globali u jipprovdi l-aħjar ħiliet tad-dinja f'bosta segmenti tas-suq. L-industrija tagħha għandha wkoll il-potenzjal li tipproduċi l-ħiliet kollha meħtieġa biex jiġu ffaċċjati l-isfidi globali u tipprovdi forzi li jaġixxu f'isem l-UE madwar id-dinja bit-tagħmir u s-sistemi ta' prestazzjoni għolja li jeħtieġu. Ħidma ewlenija hi li jiġu ddefiniti b'mod ċar il-ħiliet li l-forzi armati ta' l-Ewropa jeħtieġu biex jaffaċjaw dawn l-isfidi u flimkien mal-Kumitat Militari ta' l-UE, l-Aġenzija ta' Difiża Ewropea (ADE) qiegħda tiżviluppa Pjan ta' Żvilupp tal-Ħiliet biex tidentifika l-prijoritajiet għall-bżonnijiet ta' ħiliet u żvilupp.

Is-settur ta' difiża hu settur teknoloġiku intensiv fejn ir-riċerka u l-iżvilupp l-aktar avvanzat għandhom riperkussjonijiet f'setturi oħrajn. Id-difiża hi marbuta flimkien ma' l-elettronika, it-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, it-trasport, il-bioteknoloġija u n-nanoteknoloġija. Flimkien, dawn l-industriji jikkostitwixxu għajn ta' opportunità, innovazzjoni u għarfien li jħeġġeġ l-iżvilupp u t-tkabbir ma' l-ekonomija kollha.

Barra minn hekk, bosta teknoloġiji ġodda żviluppati għad-difiża nbidlu f'sewwieqa għat-tkabbir fis-setturi ċivili bħal pożizzjonament globali, l-internet u l-osservazzjoni tad-dinja. Dan qiegħed isir aktar u aktar proċess dinamiku billi s-setturi ċivili jikkontribwixxu għad-difiża (pereżempju l-iżvilupp ta' softwer). Din il-fertilizzazzjoni trasversali li dejjem tiżdied hi importanti għall-Istrateġija Ewropea ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

Barra minn hekk, qiegħed isir aktar diffiċli biex tiddefinixxi s-settur peress li l-fruntieri bejn id-difiża, is-sigurtà u t-teknoloġiji ċivili (pereżempju l-elettronika, it-telekomunikazzjoni) qegħdin isiru inqas fissi. Il-missjonijiet taż-żamma u l-ħolqien ta' paċi u l-impatt tat-terroriżmu, wasslu għal tfixkul tal-linji bejn is-sigurtà interna u esterna u għal bżonn ta' politika ta' koordinazzjoni aħjar bejn it-tnejn.

Madankollu, hemm sinjali ċari li l-industrija ta' difiża ta' l-Ewropa qiegħda tinżamm lura minħabba politika mhux xierqa u qafas legali. Pubblikazzjoni riċenti tal-Parlament Ewropew[1] wriet l-prezz għoli ta' l-"ineżistenza ta' l-Ewropa" ma' regolamenti nazzjonali differenti, il-proċeduri tal-liċenzji, il-listi ta' kontroll ta' esportazzjoni, in-nuqqas ta' qsim ta' tagħrif, eċċ. Dan joħloq burokrazija, duplikazzjoni, ixekkel l-innovazzjoni, iżid il-prezzijiet u hu ta' ħsara għall-kompetittività.

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta "Strateġija għal Industrija tad-Difiża Ewropea aktar b'saħħitha u kompetittiva". Tagħraf il-karattru speċjali ta' l-industrija u r-relazzjoni tagħha unika mal-gvernijiet iżda targumenta li għad baqa' ħafna xi jsir sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tagħha kollu biex jiġi żgurat li tipprovdi valur għall-flus lill-Istati Membri u tipprovdi l-ħiliet meħtieġa b'mod effiċjenti u effettiv għall-PSDE.

2. ŻVILUPPI FIS-SUQ TA' L-INDUSTIRJA GĦAD-DIFIŻA

Il-gvernijiet jiddominaw is-settur permezz ta' varjetà ta' rwoli bħal regolaturi, sidien, jikkontrollaw l-azzjonisti, fonadturi ta' l-R&D u bħala klijenti ewlenin. Madankollu, ħafna partijiet oħra huma involuti fit-twaqqif tal-politika u l-qafas regolatorju li l-industrija għandha topera fi ħdanu. Il-politiki tad-difiża u s-sigurtà huma determinati mill-Unjoni Ewropea, in-NATO u l-Istati Membri individwali. Il-qafas regolatorju hu mfassal mir-rekwiżiti tat-Trattat, il-politiki Komunitarji u l-Istati Membri. L-ADE, li fiha l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien, għandha l-għan li ssostni lill-Kunsill u lill-Istati Membri fl-isforz tagħhom biex itejbu l-ħiliet ta' difiża Ewropej, u li jrawmu l-BTID Ewropea.

2.1. Il-Kundizzjonijiet Finanzjarji

Il-baġits tad-difiża nazzjonali huma d-determinant ewlieni li jaffettwa l-prospetti ta' l-industrija tad-difiża. Dawn il-baġits jirriflettu politiki u prijoritajiet nazzjonali, u, tul dawn l-aħħar 20 sena wara tmiem il-Gwerra Bierda (bħala riżultat ta' paċi), naqsu bin-nofs (minn 3.5% tal-GDP fit-tmeninijiet għal medja attwali ta' 1.75%) li wassal għal tnaqqis fil-fatturat u l-impjieg. Skond l-ADE[2], **ma jidhirx probabbli li l-infiq globali fuq id-difiża fl-Ewropa se jiżdied**. L-investiment fir-riċerka u t-teknoloġija, l-iżvilupp u l-ksib jokkupa proporzjon ħafna iżgħar tal-baġit totali għad-difiża fl-Ewropea milli fl-Istati Uniti. Fl-istess ħin, **l-ispejjeż għat-tagħmir militari żdiedu u l-forzi armati ġew strutturati mill-ġdid u b'hekk l-ispinta għat-titjib tal-kompetittività u tal-kisba għall-valur għall-flus żdiedet**.

---

1 "Il-Prezz ta' l-ineżistza ta' l-Ewropa fiż-Żona tas-Sigurtà u d-Difiża".

2 Viżjoni fit-tul – Perspettiva fuq l-industrija, approvata mill-Bord ta' Tmexxija ta' l-ADE f'Settembru 2006.

Filwaqt li fl-imgħoddi uħud mill-Stati Membri kellhom il-finanzi biex iżommu bażi teknoloġija u industrijali komprensiva għad-difiża, il-baġits għad-difiża nazzjonali waħedhom ma jistgħux jibqgħu jiffinanzaw l-iżvilupp tal-firxa kollha tal-prodotti ta' l-aħjar kwalità u l-programmi l-ġodda għad-difiża nazzjonali saru inqas spissi.

It-tnaqqis fl-infiq għad-difiża fl-Ewropa kellu effett ukoll fuq l-investiment fir-riċerka u t-teknoloġija. Filwaqt li l-baġit għad-difiża ta' l-Istati Uniti hu kbir daqs darbtejn dak tal-baġits għad-difiżi Ewropej kollha flimkien, jiddedika madwar 35% tal-baġit totali tiegħu għall-investiment meta mqabbel ma' madwar 20% biss fl-Ewropa u jonfoq sitt darbiet aktar mill-Ewropa fl-R&D għad-difiża. Barra minn hekk, l-investiment ta' l-R&D fl-Ewropa hu maqsum, li jwassal għal irdoppjar u ħela ta' riżorsi skarsi.

2.2. Frammentazzjoni tas-suq

Għalkemm il-produzzjoni għad-difiża hi kkonċentrata f'sitt Stati Membri (il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Iżvezja u r-Renju Unit), il-kumpaniji li jipproduċu t-tagħmir u sistemi anċillari jistgħu jinsabu ma' l-Ewropa kollha. Madankollu, fuq medja, l-Istati Membri jonfqu daqs 85% tal-baġit għat-tagħmir lokalment.

Il-gvernijiet Ewropej għandhom **preferenza ċara għall-industriji għad-difiża nazzjonali proprja tagħhom** mhux biss biex jipproteġu l-impjiegi u biex jagħtu spinta lill-investiment iżda wkoll biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u tat-tagħrif. L-Istati Membri m'għandhomx daqshekk interess biex jaċċettaw id-dipendenza reċiproka Għaldaqstant, il-produtturi minn Stati Membri oħra għandhom aċċess limitat, jew xejn għas-swieq għad-difiża domestika. Dan jirriżulta f'għadd ta' duplikati li jista' jidher fit-total tad-89 programm differenti ta' l-armi fl-UE meta mqabbel ma' 27 biss fl-Istati Uniti.

Barra minn hekk, l-Artikolu 296 jippermetti lill-Istati Membri li jkunu eżenti mir-regoli tas-suq intern għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, l-Istati Membri mhumiex obbligati jipprovdu tagħrif li l-kxif tagħhom huma jqiesu bħala li jmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħhom, u jistgħu jieħdu l-miżuri relatati mal-"produzzjoni ta' jew il-kummerċ fl-armi, munizzjonijiet u materjal tal-gwerra" li huma meħtieġa għall-ħarsien ta' l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom. Madankollu, tali miżuri mhux se "jaffettwaw b'mod negattiv il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq komuni dwar prodotti li mhux maħsuba għall-għanijiet speċifikament militari".

Is-swieq domestiċi għall-prodotti ta' l-industrija għad-difiża huma frammentati fl-Ewropa minħabba:

- l-Istati Membri li jagħmlu użu estensiv ta' l-Artikolu 296 biex **jeżoneraw il-kuntratti għad-difiża mir-regoli ta' ksib ta' l-UE** anke jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-użu ta' l-eżenzjoni għandu jkun limitat għal każijiet ġustifikati eċċezzjonali, iddefiniti b'mod ċar u individwali.

- Is-sistemi nazzjonali għall-**kontroll tat-trasferimenti tat-tagħmir għad-difiża** ġo l-UE li ma jiddistingwixxux bejn l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi u trasferimenti bejn l-Istati Membri. Dan jirriżulta f'burokrazija żejda li tqum 'il fuq minn € 400 miljun lill-kumpaniji. Tali spejjeż għoljin jillimitaw aktar l-opportunitajiet tas-suq għal sottokuntratturi kompetittivi ta' l-SME fi Stati Membri oħra.

- Leġiżlazzjoni dwar **il-kontroll ta' l-assi għad-difiża strateġiċi**, li ċerti Stati Membri rrafinaw dawn l-aħħar snin (pereżempju r-Renju Unit fl-2002; DE fl-2004 u FR fl-2005) u li ta' spiss ma tqisx id-dimensjoni Ewropea.

- Kooperazzjoni u koordinazzjoni mhux spissa u *ad hoc* fost l-Istati Membri dwar id-definizzjoni tar-rekwiżiti, l-R&D jew il-programmi ta' produzzjoni komuni. Ir-riżultat tat-twaqqif ta' **rekwiżiti għad-difiża** minn perspettiva nazzjonali hu aggravat iżjed bl-użu ta' standards mhux armonizzati li jxekklu l-kooperazzjoni fl-R&D u l-programmi ta' produzzjoni.

- Id-distorsjoni maħluqa mill-**ħtiġijiet ta' kumpens** (ordnijiet ta' kumpens) li bosta Stati Membri għadhom jimponu b'rigward għall-ksib għad-difiża. Għalkemm jingħad ta' spiss li huma jgħinu jsostnu l-infiq għad-difiza, u sa ċertu estent jirreflettu l-punti dgħajfa fl-istruttura preżenti ta' l-industrija u s-swieq għad-difiża Ewropea, hemm il-periklu li l-istati li jixtru huma inqas ikkonċernati dwar il-kompetittività tal-prodott milli l-attrattività tal-kumpensi proposti.

2.3. Swieq esterni

Il-gvernijiet Ewropej mhumiex limitati fl-għażla tagħhom ta' imsieħba tal-kummerċ għad-difiża. Dan ifisser li, minkejja l-preferenza domestika ċara, parti sinfikanti tat-tagħmir għad-difiża Ewropew hija importata, speċjalment mill-Istati Uniti. Filwaq li bosta mis-swieq Ewropej huma miftuħa għall-manifatturi ta' l-Istati Uniti, il-produtturi Ewropej ta' spiss isibu bieb magħluq meta jippruvaw jesportaw l-prodotti għad-difiża tagħhom lill-Istati Uniti. Dan jagħmilha aktar diffiċli lill-industirji għad-difiża Ewropej biex jifirxu l-ispejjeż tagħhom u jżommu u jiżviluppaw l-għarfien espert tad-disinn tagħhom.

2.4. Konklużjoni

It-titjib tal-kompetittività fit-tul hu kruċjali għall-industrija għad-difiża Ewropea u għall-ambizzjonijiet ta' sigurtà u ta' difiża Ewropej. Aktar addattamenti industrijali għandhom jimmiraw għal speċjalizzazzjoni akbar li twassal għal katina tal-provvista aktar integrata u BTID Ewropea.

S'issa l-addattament ta' l-industrija għad-difiża seħħ b'mod partikolari fuq bażi nazzjonali. Għalkemm kien hemm żwiġijiet transkonfinali li kienu suċċess fi ħdan l-UE, il-biċċa l-kbira mill-kooperazzjoni Ewropea kellha t-tendenza li tieħu s-sura ta' programmi jew inizjattivi konġunti li għandhom impatt limitat fuq it-titjib tal-kompetittività. Dan naqqas il-konsolidazzjoni, speċjalizzazzjoni, modernizzazzjoni u strutturar mill-ġdid fl-industrija għad-difiża Ewropea u llimita l-użu ħieles tal-kapital biex jintuża b'mod aktar produttiv x'imkien ieħor fl-ekonomija.

Hekk kif l-industrija tkompli taddatta ruħha għal programmi ta' difiża ġodda mhux frekwenti u spejjeż għar-riċerka u l-investiment relattivament baxxi, se jkun aktar għoli biex tinżamm il-kapaċità tal-produzzjoni u, faċilitajiet ta' l-R&D fl-Ewropa strateġikament aktar important. Il-kapital diġà qiegħed jemigra biex ifittex redditu aħjar fuq l-investimenti fl-Istati Uniti u bnadi oħra.

Dan l-approċċ m'għadux sostenibbli jekk l-Ewropa tixtieq iżżomm BTID enerġetika u sostenibbli. B'politiki li ma jinbidlux, l-industrija Ewropea tirriskja li ssir attur speċjalizzat, li jforni fil-biċċa l-kbira kuntratturi ewlenin li mhumiex Ewropej, u b'hekk tqiegħed fil-periklu l-kapaċitajiet industrijali biex jiżviluppaw b'mod awtonomu l-ħiliet meħtieġa għall-PSDE.

Strateġija dinamika hi meħtieġa biex ittejjeb l-approċċ eżistenti differenti fl-Ewropa b'rigward għall-industrija tad-difiża. Strateġija li żżid il-kompetittività ta' l-industrija għad-difiża, tħejjiha għall-isfidi tal-ġejjieni, tippromwovi l-kapaċità tagħha għall-innovazzjoni, tippreserva u toħloq aktar impjiegi ta' kwalità għolja u tkompli tiżviluppa l-vantaġġi attwali tagħha.

3. MIŻURI TA' POLITIKA GĦAT-TISĦIĦ TAS-SUQ TA' L-INDUSTRIJA GĦAD-DIFIŻA EWROPEA

F'dan il-kapitolu, hi ppreżentata **firxa wiesgħa ta' miżuri ta' politika** fuq liema l-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib u b'mod effettiv ma' sħabha, u b'mod partikolari l-ADE, biex tiżgura l-aħjar riżultat. Dawn il-miżuri huma mfassla biex itejbu l-koordinazzjoni ġenerali, isaħħu s-suq intern għall-oġġetti ta' difiża, u jgħinu l-proċess ta' aġġustament u modernizzazzjoni meħtieġa fl-Ewropa.

3.1. Politiki biex itejbu l-ħidma tas-suq intern għall-prodotti ta' difiża

3.1.1. Leġislazzjoni ġdida

Għall-Kummissjoni, it-titjib tal-ħidma tas-suq intern għall-prodotti għad-difiża hu prijorità. Din il-Komunikazzjoni għalhekk hi akkumpanjata minn proposta għal direttiva dwar it-trasferimenti fi ħdan l-UE ta' prodotti għad-difiża u għal direttiva fuq il-ksib tad-difiża. L-għan ta' dawn iż-żewġ proposti hi li jikkontribwixxu għat-twaqqif progressiv ta' Suq Ewropew tat-Tagħmir tad-Difiża (EDEM); fejn il-forniturі stabbiliti fi Stat Membri jista' jservi, mingħajr restrizzjonijiet, fl-Istati Membri kollha. Dawn il-proposti jipprovdu qafas essenzjali għall-istabbiliment ta' industrija għad-difiża aktar kompetittiva u b'saħħitha u għandha tiġi implimentata malli jista' jkun.

Il-proposta għal **direttiva dwar it-trasferimenti fi ħdan l-UE tal-prodotti għad-difiża** se tħaffef it-trasferimenti billi tneħħi l-burokrazija żejda. Il-Gvernijiet ta' l-UE li jixtru minn forniturі stabbiliti fi Stat Membru ieħor se jaraw titjib fis-sigurtà tal-provvista tagħhom. Peress li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ispejjeż ta' l-applikazzjoni tal-liċenzji, u billi jippermettu lill-integraturi tas-sistema li jiftħu l-katini tal-provvista tagħhom b'kundizzjonijiet li jistgħu jitħabbru aktar, ir-regoli l-ġodda se jżidu l-opportunitajiet għall-Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs) kompetittivi biex jipprovdu komponenti jew sottosistemi u b'hekk jikkontribwixxu sabiex jagħmlu s-suq Ewropew wieħed aktar dinamiku.

Id-**direttiva proposta dwar ix-xiri għad-difiża** se jtejjeb il-libertà u l-kompetittività tas-swieq għad-difiża fl-UE b'kunsiderazzjoni għall-fatturi speċifiċi tal-kontabilità, bħas-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà ta' l-informazzjoni. Se tnaqqas it-taħlita regolatorja f'dan il-qasam. Se żżid il-kompetizzjoni u t-trasparenza u għalhekk tgħin lill-SMEs biex isibu, u jitfgħu offerta għal, sottokuntratti. Peress li tipprovdi regoli ġodda applikabbli għax-xiri ta' l-armi, munizzjonijiet u materjal tal-gwerra u għal ċerti oġġetti ta' sigurtà sensittivi mhux militari, din l-inizjattiva għandha tillimita iżjed l-użu ta' l-Artikolu 296 għal każijiet eċċezzjonali stipulati mill-Qorti tal-Ġustizzja u tibni fuq passi li ntħadu minn qabel mill-Kummissjoni[3] u l-ADE biex iħeġġu għal-libertà akbar tas-swieq għad-difiża.

3.1.2. Miżuri oħra

Il-ħidma ta' l-EDEM tista' titjieb iżjed billi jixxejnu l-ostakoli l-oħra għall-**integrazzjoni tas-suq għall-industrija għad-difiża.**

Il-Kummissjoni se **tippromwovi l-użu ta' standards komuni** biex tħaffef il-ftuħ tas-swieq għad-difiża. Il-Kummissjoni ġabret flimkien il-partijiet interessati biex tiżviluppa "Manwal ta' Standardizzazzjoni għad-Difiża" u qiegħda taħdem ma' l-ADE biex tħeġġeġ l-użu tiegħu. **Hija titlob lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu sħiħ tal-Manwal fix-xiri tad-difiża tagħhom.**

L-effettività tad-direttiva l-ġdida dwar it-trasferimenti fi ħdan l-UE, u d-direttiva dwar ix-xiri għad-difiża se jitjiebu permezz ta' **fiduċja reċiproka akbar fost l-Istati Membri**. Għal dan, tinħtieġ skema ta' garanziji xierqa, imsostnija minn possibilitajiet ta' verifikazzjoni, kemm f'termini tal-finanzjament tat-teknoloġija kif ukoll f'termini ta' kunsinna. Tali skema għas-sigurtà stabbli ta' provvista u tagħrif industrijali jista' jkollha tinbena progressivament, ibda minn dawk l-Istati Membri li huma diġà ppreparati li jaċċettaw dipendenza reċiproka, u tkompli taħdem lejn skema li eventwalment tkopri l-Istati Membri kollha. Mill-2008, il-Kummissjoni se **tistħarreġ, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-possibbiltajiet għal sistema ta' l-UE dwar is-sigurtà tat-tagħrif** li tippermetti skambju ta' tagħrif sensittiv bejn l-Istati Membri u l-kumpaniji Ewropej. Dan l-eżerċizzju se jqis l-ambitu potenzjali, il-kontenut u l-forma ta' tali sistema.

It-**taħlita attwali ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kotnroll ta' l-assi strateġiċi għad-difiża** tipprevjeni l-konsolidazzjoni, it-tneħħija ta' rduppjar u l-iżvilupp ta' industriji aktar effiċjenti. Jista' jkun li fil-ġejjieni turi li mhix xierqa biex **tiżgura l-kontroll ta' l-assi f'katina tal-provvista aktar Ewropea**. Naraw b'mod ċar li hemm bżonn li jkun hemm bilanċ bejn l-investiment ħieles u l-ħarsien ta' l-interessi tas-sigurtà b'rigward għall-kontroll tal-materjal u assi oħra li huma meqjusa essenzjali. Fl-2008, il-Kummissjoni se tibda, bi **studju li jiddefinixxi kif il-kontroll l-assi jista' jitwettaq fil-ġejjieni** biex jiżgura provvista kompetittiva fuq livell Ewropew. Dan se jqis il-firxa ta' għażliet disponibbli għall-Ewropa biex issostni l-interessi essenzjali ta' difiża u sigurtà tagħha.

Il-Kummissjoni se tissokta tuża, kif meħtieġ, id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat u l-istrumenti legali fid-dispożizzjoni tagħha biex **tiżgura kompetizzjoni ġusta** għall-oġġetti ta' l-industrija għad-difiża u biex tevita distorsjonijiet ta' kompetizzjoni dwar is-swieq mhux militari.

---

[3] KUMM(2006) 779.

- Minn perspettiva ekonomika, kull **kumpens** jista' jgħawweġ il-ħidma tas-swieq u jxekkel l-integrazzjoni tas-swieq għad-difiża Ewropej. Għalhekk, l-għan aħħari hu li jinħolqu kundizzjonijiet għas-suq, u li tiġi stabbilita l-istruttura tal-BTID Ewropea, fejn il-prattika m'għadiex tinħtieġ, filwaqt li jitħares li ma jkunx hemm distorsjoni tal-pożizzjoni kompetittiva ta' l-impriżi Ewropej meta mqabbel mal-forniturі ta' pajjiżi terzi.

- Ftuħ progressiv tas-suq b'sigurtà mtejba tal-provvista bejn l-Istati Membri u r-regoli ta' xiri xierqa applikabbli ma' l-UE se jżidu t-trasparenza u għandhom inaqqsu l-bżonn ta' l-użu ta' l-Artikolu 296. Madankollu, fil-kuntest tat-twaqqif tas-swieq miftuħa, huwa aktar **importanti li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs**. Għalhekk, l-għajnuna għall-industriji għad-difiża għandha tkun magħmula kompletament trasparenti jekk għandha tiġi stabbilita l-fiduċja reċiproka meħtieġa.

3.2. Politiki għat-titjib tal-koordinazzjoni globali

L-Istati Membri għandhom jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom biex jipprovdu flimkien lill-PSDE bl-għodod insutrijali u teknoloġi li teħtieġ. Filwaqt li l-ħila militari hi kwistjoni għall-Istati Membri, huma jistgħu ifittxu l-aħjar livell ta' rendiment permezz ta' l-iskambju u l-ġabra tar-riżorsi tal-programmi ċivili u militari Ewropej, bit-tfassil ta' l-istandards teknoloġijċi u komuni ta' użu multiplu, sabiex jippermettulhom għal aktar soluzzjonijiet ta' nfiq effettiv.

3.2.1. Ġabra ta' talb

Għalhekk jinħtieġ **skambju permanenti ta' ideat dwar l-ippjanar u l-investiment għad-difiża**. Dan jimplika li l-Istati Membri għandhom ikunu aktar trasparenti ma' xulxin, u huma lesti li jnaqqsu l-attivitajiet attwali tagħhom billi jiffokaw fuq l-oqsma fejn jibbrillaw li jiġu ddeterminati permezz ta' proċess istigat primarjament mis-suq. Minħabba l-limiti taż-żmien għall-R&D, il-ħajja tal-prodott u l-aġġornamenti fi ħdan is-servizz fid-difiża, **l-armonizzazzjoni tal-ħin tax-xiri mill-Istati Membri hu l-ewwel pass meħtieġ** għall-koordinazzjoni tat-talba. Bħalissa l-ADE qiegħda tħadem fuq mezzi kif tindirizza din il-kwistjoni. Barra minn hekk, it-trasparenza reċiproka fost l-Istati Membri dwar l-ippjanar tad-difiża tagħhom mill-medda ta' żmien medja sa dik fit-tul, tippermetti li jiġu identifikati opportunitajiet għal proġetti ta' investimenti konġunti, kisbiet miġbura u speċjalizzazzjoni tar-rwol koerenti. L-ADE diġà bdiet **tiġbor tagħrif fuq l-ispejjeż għad-difiża ta' l-Istati Membri biex toħloq aktar possibbiltajiet għal koordinazzjoni ta' investiment u l-ġabra tat-talb**. Dan l-iżvilupp jista' jwassal ukoll għad-definizzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni Ewropej bħal dawk li bħalissa huma implimentati mill-'Organisme Conjoint de Coopération en matière d'Armement' (OCCAR).

3.2.2. Ġabra ta' l-investiment ta' l-R&D

Bħalissa l-Ewropea qiegħda tonfoq inqas minn 5% tal-baġit għad-difiża tal-gvern tagħha fuq l-R&D[4]. **Żieda fil-proporzjoni ta' l-infiq tad-difiża ddedikat għall-R&D itejjeb l-kompetittività** billi tħeġġeġ il-kapaċità innovattiva ta' l-industrija għad-difiża Ewropea. Fl-istess ħin, tagħmel sens li tfittex mezzi biex **tiġbor ir-riżorsi ta' riċerka u netwerk** fuq il-livelli kollha, politiki, industrijali u xjentifiċi, fil-qasam tad-difiża. Dan hu partikolarment importanti minħabba l-impatt tar-riċerka kollaborativa dwar konverġenza aktar tard fis-swieq.

---

[4] €9bn minn baġit totali ta' €193bn fl-2005 għall-UE24.

Riċerkaturi fid-difiża qegħdin jiżviluppaw teknoloġiji li huma ta' sikwit simili għall-kontropartijiet ċivili tagħhom fl-istadji qabel l-iżvilupp ta' l-applikazzjonijiet speċifiċi. Sabiex jiġi evitat l-irduppjar, u b'kunsiderazzjoni għar-rekwiżiti u l-prijoritajiet politiċi għas-sigurtà u d-difiża ċivili li jistgħu ivarjaw, ikun utli li jiġu identifikati sistematikament **is-sinerġiji bejn il-programmi ta' riċerka u żvilupp**, pereżempju, bejn il-programm ta' riċerka għas-sigurtà ta' FP7 u l-attivitajiet ta' riċerka relatati mad-difiża previsti, jew koordinati, mill-ADE.

Barra min hekk, f'Settembru 2007 tnieda **Forum ta' l-Innovazzjoni u r-Riċerka għas-Sigurtà Ewropea (FIRSE)**. Fl-2009, se jippreżenta Aġenda għar-Riċerka tas-Sigurtà Konġunta li tipprovdi gwida għall-ipprogrammar tar-riċerka tas-sigurtà fuq livelli Ewropej u nazzjonali. Il-FIRSE se jtejjeb ukoll il-kanali ta' komunikazzjoni pubbliċi-privati fil-qasam tar-riċerka tas-sigurtà Ewropea u jżid it-trasparenza u l-koordinazzjoni bejn il-bosta programmi u inizjattivi li għaddejjin.

3.2.3. Tisħiħ tal-pożizzjoni ta' l-SMEs

L-azzjonijiet deskritti f'3.1.1, **se jsaħħu huma stess il-pożizzjoni ta' l-SMEs**. Ġew introdotti wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi biex iħajru s-sehem ta' l-SME fis-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka fil-qasam tar-riċerka tematika tas-sigurtà u permezz ta' l-inizjattiva "Riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs": fost oħrajn, iż-żieda tar-rata ta' rifużjoni minima għall-SMEs minn 50% għal 75% u l-introduzzjoni ta' regoli ta' sehem simplifikati. Sabiex tgħin lill-SMEs biex isibu u jisfruttaw l-opportunitajiet tas-suq, **l-ADE żviluppat Kodiċi ta' l-Aħjar Prassi fil-katina tal-provvista (CoBPSC) u "e-portal"** bħala kompliment għall-Kodiċi tal-Kondotta dwar ix-xiri tad-difiża[5]. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tas-CoBPSC ta' l-ADE u, la darba jiġi adottat, tad-Direttiva dwar ix-Xiri għad-Difiża.

3.3. Politiki anċillari

Il-miżuri ppreżentati hawn fuq se jikkontribwixxu għall-kompetittività ta' l-industrija għad-difiża Ewropea, li jirriżultaw għal aktar kooperazzjoni, speċjalizzazzjoni u innovazzjoni. Aktar swieq kompetittivi se jwasslu għat-tinbit ta' kumpaniji aktar b'saħħithom, li joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja ġodda.

3.3.1. Ftuħ ta' swieq barranin

Industrija għad-difiża Ewropea b'saħħitha u kompetittiva għandha tibbenefika wkoll minn **opportunitajiet ekonomiċi barra l-UE**. Filwaqt li jiġi nnutat l-impatt possibbli ta' politiki ta' l-esportazzjoni nazzjonali differenti, bejgħ akbar fis-swieq terzi jżid il-qliegħ u r-redditu fuq l-investimenti fl-R&D, il-faċilitajiet tal-produzzjoni u l-kapital uman. Bħalissa, l-industrija għad-difiża Ewropea hi eskluża effettivament milli tforni lis-suq ta' l-Istati Uniti ħlief permezz ta' faċilitajiet msejsa fl-Istati Uniti bħala riżultat tar-regolamenti biex iħarsu s-sigurtà nazzjonali, dispożizzjonijiet għad-difiża "Ixtri Amerikan" u miżuri oħrajn. B'hekk, **l-industrija għad-difiża Ewropea ssibha diffiċli biex tibbenefika minn opportunitajiet ekonomiċi fl-Istati Uniti** filwaqt li min-naħa l-oħra, il-kumpaniji ta' l-Istati Uniti għandhom aċċess eħfef għas-swieq Ewropej.

[5] http://www.eda.europa.eu/ebbweb/

Sabiex l-Ewropa ttejjeb l-aċċess għas-suq tagħha fl-Istati Uniti, jeħtieġ li **tiżgura li l-industrija għad-difiża Ewropea tista' tilħaq mal-kompetituri tagħha fl-Istati Uniti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-innovazzjoni u l-kwalità**. Approċċ aktar Ewropew għall-kooperazzjoni d-dar hu l-ewwel pass fit-tnaqqis tad-dipendenza teknoloġika Ewropea. B'mod partikolari, azzjoni konġunta biex **tidentifika u tiżviluppa teknoloġiji ewlenin u ħiliet industrijali u tiżgurahom** għall-UE ttejjeb ħafna l-kredibbiltà u tnaqqas il-piż tar-restrizzjonijiet ta' l-RTIA (Regolamenti tat-Traffiku Internazzjonali ta' l-Armi).

L-importanza tas-suq ta' l-Istati Uniti m'għandhiex tiddevja l-attenzjoni mill-isfidi u l-opportunitajiet potenzjali ġodda li qegħdin inibtu mill-ekonomiji li qegħdin ifeġġu malajr u l-feġġ mill-ġdid potenzjali tal-kompetituri maġġuri. Sabiex tiżgura li l-kumpaniji Ewropej jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet ekonomiċi, li jaġixxu fi ħdan il-qafas tal-Kodiċi tal-Kondotta ta' l-UE għall-Esportazzjonijiet ta' l-Armi, il-**Kummissjoni dan l-aħħar ippreżentat strateġija mġedda għall-aċċess tas-suq għall-ekonomiji li qegħdin ifeġġu**[6]. Skond din l-inizjattiva, il-Kummissjoni se tindirizza x-xkiel ewlenin għas-swieq tad-Difiża barra mill-pajjiż identikati fid-Database ta' l-Aċċess għas-Suq.

3.3.2. Il-ġestjoni tal-bidla

L-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u l-istrutturat mill-ġdid huma integrali għall-politika industrijali. Filwaqt li industrija li jirnexxiela tindirizza l-isfidi tas-suq se toħloq opportunitajiet u benefiċċji ġodda, għad jista' jkun hemm xi **spejjeż għall-aġġustament, kif ukoll telf ta' impjiegi, f'reġjuni speċifiċi u/jew kategoriji ta' ħaddiema**.

Il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali potenzjali ta' aktar integrazzjoni tas-suq fis-settur għad-difiża għandhom jiġu indirizzati minn Djalogu Soċjali attiv li jħaffef it-tmexxija tal-bidla u l-istrutturat mill-ġdid. Bosta mir-riformi adottati taħt il-Pjan ta' Azzjoni għall-Għajnuna Statali ta' l-2005 jikkonċernaw, fost oħrajn, l-għajnuna reġjonali u għat-taħriġ, jistgħu jgħinu wkoll biex jantiċipaw u jindirizzaw il-bidla strutturali, hekk bħall-fondi strutturali u l-Fond Soċjali Ewropew b'mod partikolari.

3.3.3. Titjib tal-governanza tas-suq ta' l-industrija għad-difiża Ewropea

Il-ħolqien ta' l-**ADE** kkonferma l-intenzjoni ta' l-Ewropa biex toffri qafas effettiv għall-promozzjoni u t-titjib tal-kooperazzjoni ta' l-armamenti u l-iżilupp tal-ħiliet għad-difiża.

Is-sħubija tal-Kummissjoni fil-bord ta' Tmexxija ta' l-ADE tirrikonoxxi r-rwol tagħha f'dan il-qasam sensittiv u tipprovdi bażi solida għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet varji. Barra minn hekk, l-ADE u l-Kummissjoni għandhom dijanjożi komuni: l-UE teħtieġ industrija għad-difiża kompetittiva li min-naħa tagħha teħtieġ suq Ewropew.

Il-potenzjal sħiħ ta' l-UE jista' jiġi biss sfruttat jekk ikun hemm kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet interessati kollha. Is-soluzzjoni tinsab fi djalogu strutturat ma' l-entitajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, fi ħdan it-Tieni Pilastru ta' l-UE u l-ADE, fi ħdan il-qafas ta' l-attribuzzjoni ta' kompetenzi eżistenti, biex itejjeb is-sinerġiji bejn l-aspetti tal-politika kollha li jaffettwaw il-kompetittività ta' l-industrija għad-difiża.

---

6 KUMM(2007) 183.

F'dan ir-rigward, l-UE għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha mekkaniżmu xieraq **disponibbli** li jiżgura, fuq livell Ewropew, riflessjoni **dwar l-isfidi u l-kwistjonijiet ewlenin fis-sigurtà u d-difiża li jinkludu l-kompetittività industrijalib'kunsiderazzjoni ta' l-għarfien espert nazzjonali eżistenti, pereżempju gruppi ta' esperti**. **Il-Kummissjoni se tistħarreġ fuq l-aħjar mezzi biex tikseb dan** mal-partijiet interessati kollha.

4. KONKLUŻJONI

Wasal iż-żmien li nieħdu azzjoni aktar imqanqla biex titjieb il-kompetittività ta' l-industriji għad-difiża Ewropej. Fi kliem ieħor, jekk nibqgħu f'din il-mgħoddija, iċ-ċittadini Ewropej se jissoktaw iħallsu wisq u jirċievu ftit wisq f'termini tad-difiża u sigurtà tagħhom u l-industrija tad-difiża Ewropea se titlef l-aspett kompetittiv tagħha.

L-istrateġija ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni se toħloq kundizzjonijiet aħjar għall-industrija tad-difiża Ewropea biex tħejji għall-isfidi tal-ġejjieni billi żżid il-kompetittività tagħha, tippromwovi l-innovazzjoni, u tibni fuq il-vantaġġi eżistenti, toħloq suq aktar ġust, u tippreserva u toħloq impjiegi ta' kwalità għolja. Din l-istrateġija hi mfassla biex tiżgura li l-industrija għad-difiża Ewropea tista' toffri l-aħjar ħiliet għall-PSDE.

L-Istati Membri, l-ADE u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-azzjonijiet xierqa, kemm individwalment kif ukoll b'mod kollettiv, biex jippromwovu l-koordinazzjoni ta' politika globali għat-tisħiħ tas-suq intern għall-industrija għad-difiża Ewropea. Din il-Komunikazzjoni tispjega l-kontribut tal-Kummissjoni għal dan il-għan komuni.